MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 151/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) t' April tas-sena elf disgha mija wiehed u tmenin (1981) (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok A') u minn dan iz-zwieg twieldet tifla M, illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Antonio Carbonaro sa mit-tletin (30) ta' Awissu tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin (1984) (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok B');

Illi m'hemm l-ebda prospett regonevoli ghal rikkoncilazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-esponenti obbliga ruhu li jivversa manteniment ghall-mara u ghall-bintu s-somma ta' wiehed u ghoxrin lira (LM21) fil-gimgha ekwivalenti ghall-tmienja u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (Ewro 48.92), u dan ai termini tal-Artikolu numru erbgha (4) tal-imsemmi att ta' separazzjoni;

Illi l-esponenti jiddikjara illi dan il-manteniment kif imsemmi qed jithallas puntwalment u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment pendenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu, 2012;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Awissu 1984;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut ghall-intimata u ghall-bintu minuri ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------